MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Numru. 411/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**JOSEPH SALIBA bin Saviour u Mary nee' Tabone, imwieled fl-erbatax [14] ta' Ottubru, 1952 u residenti 'Australian Warratah', Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 64952G**

**ADEODATA SALIBA mart Joseph u bint John Said u Josephine nee' Cini, imwielda fil-hdax [11] ta' Novembru, 1956 u residenti 'Australian Warratah', Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 60056G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputati **JOSEPH SALIBA** bin Saviour u Mary nee’ Tabone, imwieled fl-erbatax [14] ta’ Ottubru, 1952 u residenti ‘Australian Warratah’, Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 64952G **u ADEODATA SALIBA** mart Joseph u bint John Said u Josephine nee’ Cini, imwielda fil-hdax [11] ta’ Novembru, 1956 u residenti ‘Australian Warratah’, Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita’ numru 60056G gew mressqa quddiemha w akkuzati talli fl-ewwel [1] ta’ Gunju, 2006 u fil-jiem ta’ qabel, fl-inhawi maghrufa bhala ta’ Hamamiet fi Triq Gwanni Pawlu II, limiti tar-Rabat, Ghawdex:-

1. minghajr il-hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw dritt li jippretendu li ghandhom, jew qalu lil xi hadd bl-awtorita’ taghhom infushom, fixklu lil Mario Grima fil-pussess ta’ hwejgu.

2. aktar talli fl-istess cirkostanzi ngumbraw (bil-gebel) il-passagg li hemm fil-lok imsemmi.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-affidavit ta’ PS 1377 Noel Cilia w ir-relazzjoni tal-Perit Guido Vella.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Mario Grima, li esibixxa xi ritratti u pjanta, lil Perit Guido Vella u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi l-Magistrat sedenti zammet wkoll access nhar s-sebgha ta’ Settembru 2006 fuq is-sit in kwistjoni fejn fil-presenza tal-perit nominat minnha, il-partijiet indikaw t-trejqa li tinfed ghal proprjeta ta’ Mario Grima b’mod partikolari l-kantuniera mibnija bil-gebel tas-sejjieh fuq in-naha tal-lemin int u diehel.

**Ghalhekk, il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

**tiddikjara li ssib lil imputati JOSEPH SALIBA u ADEODATA SALIBA hatja tal-ewwel [1] akkuza u tikkundannhom kull wiehed ghal hlas ta' multa ta' hamsa w erbghin [45] lira filwaqt li tiddikjara li ma ssibhomx t-tnejn hatja tat-tieni [2] akkuza u tilliberahom minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------